MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 497/2008

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Aloisio Alexander**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija, hamsa u tmenin ewro u hamsa u tmenin ewro centezmu (€485.85) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond *Client Contract Number* 1006555 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru, 2007 u Jannar, 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-19 ta' Jannar, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------